2025/1046

28.5.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1046

tas-26 ta' Mejju 2025

li tirrikonoxxi li r-rapport ippreżentat mill-Iżvezja skont l-Artikolu 31(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fih data preċiża għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tax-xgħir, tal-ful, tal-lift, tas-segala, tat-tritikal, tal-qamħ u tal-piżelli sofor f'dak l-Istat Membru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 teżiġi li l-bijokarburanti, il-bijolikwidi, u l-karburanti mill-bijomassa jiffrankaw emissjonijiet sinifikanti tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-karburanti fossili biex ikunu jistgħu jingħaddu ħalli jintlaħqu l-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva. Għal dak il-għan, l-Artikolu 29(10) ta' dik id-Direttiva jistabbilixxi limiti speċifiċi tal-iffrankar tal-emissjonijiet għal dawk il-karburanti, u l-Artikolu 31 jirregola kif irid jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tagħhom. Meta jsiru dawk il-kalkoli, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti fl-Annessi V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Minflok il-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-materja prima agrikola, jistgħu jintużaw il-valuri tipiċi f'ċerti kundizzjonijiet. Dawk il-valuri tipiċi, li jirrappreżentaw il-valur medju f'żona speċifika, jistgħu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi. Il-valuri tipiċi jistgħu jintużaw biss jekk il-Kummissjoni tirrikonoxxihom bħala preċiżi.

(2) Fit-23 ta' Jannar 2025, l-Iżvezja ppreżentat ir-rapport finali lill-Kummissjoni bid-data għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tax-xgħir, tal-ful, tal-lift, tas-segala, tat-tritikal, tal-qamħ u tal-piżelli sofor tipikament prodotti f'żoni fit-territorju tagħha kklassifikati bħala livell 2 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Ir-Renju tal-Iżvezja talab li d-data tiġi rikonoxxuta bħala preċiża f'konformità mal-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(3) Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapport u sabet li fih data preċiża għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tax-xgħir, tal-ful, tal-lift, tas-segala, tat-tritikal, tal-qamħ u tal-piżelli sofor tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fl-Iżvezja.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, il-Bijolikwidi u l-Karburanti mill-Bijomassa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rapport ippreżentat mill-Iżvezja fit-23 ta' Jannar 2025 għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni fih data preċiża għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tax-xgħir, tal-ful, tal-lift, tas-segala, tat-tritikal, tal-qamħ u tal-piżelli sofor tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fl-Iżvezja. Is-sommarju tad-data tar-rapport hu stabbilit fl-Anness.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

Artikolu 2

Jekk id-data li hemm fir-rapport, kif ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2025 għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni, tinbidel b'mod li jaf jaffettwa l-akkuratezza tad-data u b'hekk il-bażi ta' din id-Deċiżjoni, l-Iżvezja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn il-bidliet minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bidliet notifikati biex tiddetermina jekk ir-rapport għadux jipprovdi d-data preċiża li għaliha hu rikonoxxut.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tieqaf tapplika fis-17 ta' Ġunju 2030.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tax-xgħir fl-Iżvezja għar-reġjuni NUTS-2 (kg CO_2eq/t ta' xgħir maħsud fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SE11	Stokkolma	164	20	84	17	0 (*)	50	14	349
SE12	Östra Mellansverige	174	18	79	7	0 (*)	43	12	332
SE21	Småland med öarna	173	24	42	7	0 (*)	38	12	296
SE22	Sydsverige	151	17	71	3	0 (*)	28	9	277
SE23	Västsverige	175	22	73	11	0 (*)	34	10	325
SE31	Norra Mellansverige	201	31	60	12	0 (*)	47	15	367
SE32	Mellersta Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-
SE33	Övre Norrland	262	45	43	8	0 (*)	58	20	434

(*) L-emissjonijiet tal-pestiċidi huma integrati fl-emissjonijiet tal-fertilizzanti.

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-ful fl-Iżvezja għar-reġjuni NUTS-2 (kg CO_2eq/t ta' ful maħsud fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SE11	Stokkolma	-	-	-	-	-	-	-	-
SE12	Östra Mellansverige	99	6	1	9	0 (*)	49	21	184
SE21	Småland med öarna	158	21	11	4	0 (*)	35	18	247
SE22	Sydsverige	91	8	7	4	0 (*)	32	17	160
SE23	Västsverige	94	7	5	20	0	38	19	183
SE31	Norra Mellansverige	72	8	6	11	0 (*)	48	23	168
SE32	Mellersta Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-
SE33	Övre Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-

(*) L-emissjonijiet tal-pestiċidi huma integrati fl-emissjonijiet tal-fertilizzanti.

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-lift fl-Iżvezja għar-reġjuni NUTS-2 (kg CO_2eq/t ta' lift maħsud fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SE11	Stokkolma	290	33	171	36	0 (*)	58	1	588
SE12	Östra Mellansverige	295	38	147	14	0 (*)	52	1	546
SE21	Småland med öarna	320	43	155	20	0 (*)	41	1	580
SE22	Sydsverige	325	41	179	5	0 (*)	40	1	590
SE23	Västsverige	335	42	192	39	0 (*)	43	1	652
SE31	Norra Mellansverige	-	-	-	-	-	-	-	-
SE32	Mellersta Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-
SE33	Övre Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-

(*) L-emissjonijiet tal-pestiċidi huma integrati fl-emissjonijiet tal-fertilizzanti.

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tas-segala fl-Iżvezja għar-reġjuni NUTS-2 (kg CO_2eq/t ta' segala maħsud fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SE11	Stokkolma	111	19	18	2	0 (*)	38	8	197
SE12	Östra Mellansverige	107	14	49	1	0 (*)	32	7	210
SE21	Småland med öarna	129	19	50	7	0 (*)	30	8	242
SE22	Sydsverige	110	13	59	2	0 (*)	24	6	214
SE23	Västsverige	132	18	67	15	0 (*)	29	7	267
SE31	Norra Mellansverige	157	20	89	19	0 (*)	34	8	328
SE32	Mellersta Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-
SE33	Övre Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-

(*) L-emissjonijiet tal-pestiċidi huma integrati fl-emissjonijiet tal-fertilizzanti.

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tat-tritikal fl-Iżvezja għar-reġjuni NUTS-2 (kg CO_2eq/t ta' tritikal maħsud fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SE11	Stokkolma	-	-	-	-	-	-	-	-
SE12	Östra Mellansverige	156	21	76	2	0 (*)	34	10	298
SE21	Småland med öarna	166	26	61	5	0 (*)	31	10	299
SE22	Sydsverige	175	25	80	4	0 (*)	28	10	322
SE23	Västsverige	150	22	63	10	0 (*)	26	9	280
SE31	Norra Mellansverige	-	-	-	-	-	-	-	-
SE32	Mellersta Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-
SE33	Övre Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-

(*) L-emissjonijiet tal-pestiċidi huma integrati fl-emissjonijiet tal-fertilizzanti.

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-qamħ fl-Iżvezja għar-reġjuni NUTS-2 (kg CO_2eq/t ta' qamħ maħsud fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SE11	Stokkolma	169	21	112	24	0 (*)	33	10	368
SE12	Östra Mellansverige	150	19	92	9	0 (*)	30	9	309
SE21	Småland med öarna	138	19	73	8	0 (*)	26	9	272
SE22	Sydsverige	141	17	91	2	0 (*)	22	7	281
SE23	Västsverige	166	22	105	22	0 (*)	26	8	348
SE31	Norra Mellansverige	159	22	90	19	0 (*)	31	10	330
SE32	Mellersta Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-
SE33	Övre Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-

(*) L-emissjonijiet tal-pestiċidi huma integrati fl-emissjonijiet tal-fertilizzanti.

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-piżelli sofor fl-Iżvezja għar-reġjuni NUTS-2 (kg CO_2eq/t ta' piżelli sofor maħsuda fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SE11	Stokkolma	72	6	10	9	0 (*)	52	23	172
SE12	Östra Mellansverige	101	7	3	8	0 (*)	46	20	185
SE21	Småland med öarna	113	11	9	2	0 (*)	31	17	182
SE22	Sydsverige	97	10	7	4	0 (*)	30	16	165
SE23	Västsverige	102	9	6	20	0 (*)	38	20	194
SE31	Norra Mellansverige	68	6	9	12	0 (*)	53	27	174
SE32	Mellersta Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-
SE33	Övre Norrland	-	-	-	-	-	-	-	-

(*) L-emissjonijiet tal-pestiċidi huma integrati fl-emissjonijiet tal-fertilizzanti.